# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Sfida Numru 2/2024/2**

**Victor Sant**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-isfidant **Victor Sant**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 731743(M), ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2024 fejn talab is-segwenti:

*"Illi dana l-umli rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 541 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex wara li tisma l-partijiet u x-xhieda meħtieġa fiċ-ċirkostanzi, tqis li prima facie jeżistu raġunijiet biżżejjed sabiex l-intimat jiġi ordnat joħroġ akkużi kontra l-imsemmi Avv.*

*Alessandro Lia u dana kif hawn spjegat u kkonfermat f'dana l-umli rikors ta' sfida kif regolat mill-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Inoltre u għal kull boun fini, l-esponenti qiegħed bil-ġurament jiddikjara li huwa lest li jobbliga ruħu taħt penali f'somma li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti bil-mod kif maħsub fil-Art. 541(1) tal-Kodiċi Kriminali li tagħti fil-kawża, jekk tkun imsejħa, ix-xhieda tagħhom, inkella li tagħti dawk il-provi li jkollha f'idejha illi bihom l-imputat jista' jinstab ħati."*

Rat il-provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Settembru 2024 fejn laqgħet ir-Rikors Maħluf tal-isfidant u ddikjarat li hemm *prima facie* lok għall-kwerela mertu tal-każ fil-konfront ta' Dr. Alessandro Lia sabiex jitressaq bir-reat ta' kompliċita' fi frodi (Artikolu 309) kif ukoll bir-reat ta' dikjarazzjoni falza jew kompliċita' f'dikjarazzjoni falza *ai termini* ta' Artikoli 188 u 184 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-Qorti ordnat lir-Reġistratur sabiex jinnotifika d-deċiżjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li ordnat ukoll li l-istess deċiżjoni u l-atti tal-proċedura jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali fi żmien jumejn tax-xogħol.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta' Ottubru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-tnax (12) ta' Settembru, 2024, fejn sabet li hemm prima facie lok għal kwerela u minflok issib li ma hemmx prima facie lok għall-kwerela mertu ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2024, lill-konsulenti legali tal-isfidant Victor Sant jiddikjaraw li kienu qed iżommu ferm mal-eċċezzjoni hekk kif kontenuta fir-Rikors tal-istess Victor Sant ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2024 fejn, fost l-oħrajn, ingħad li l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali f'dan il-każ ġie mressaq *fuori termine* u barra mill-parametri ta' Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda fir-rigward tal-eċċezzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm, kemm dawk tal-eċċezzjoni appena msemmija u kif ukoll dawk dwar il-mertu tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu provvediment wara Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali li permezz tiegħu qiegħed jappella, skont ma jipprovdi Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn it-talba tal-isfidant Victor Sant ġiet milqugħa sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiġi ordnat joħroġ akkużi fil-konfront ta' Dr. Alessandro Lia.

Illi jkun opportun li l-ewwel tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni mressqa mill-isfidant Victor Sant fejn jisħaq li r-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ġie mressaq *fuori termine* u barra mill-parametri ta' Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ li din il-Qorti tiċħad din l-eċċezzjoni, hija mbagħad tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-isfidant Victor Sant</u>**

Illi kif diġa' ngħad aktar 'il fuq jirriżulta li l-isfidant Victor Sant jisħaq li r-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ġie mressaq *fuori termine*. Huwa jagħmel riferenza għal Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tippermetti, għal kollox jew biss f'parti, rikors taħt is-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali, flimkien

mal-atti tal-kawża, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni u l-Avukat Ġenerali jista' fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn notifika jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għat-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni. […]"

Illi mis-sub-Artikolu hawn fuq ċitat jirriżulta ben ċar li wara li tingħata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, din id-deċiżjoni flimkien mal-atti tal-kawża kellhom jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tal-istess deċiżjoni b'dan illi l-Avukat Ġenerali għandu żmien sebat ijiem tax-xogħol minn notifika sabiex iressaq Rikors quddiem din il-Qorti għat-tħassir jew bdil tad-deċiżjoni.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- id-deċiżjoni appellata ingħatat fit-12 ta' Settembru 2024 (*a fol.* 266 *et seq.*);

- fit-18 ta' Settembru 2024, is-Supretendent Jonathan Ransley għall-Kummissarju tal-Pulizija ppreżenta Nota (*a fol.* 278) fejn huwa għarraf li l-Kummissarju tal-Pulizija kien bi ħsiebu jappella d-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2024 u talab lill-Ewwel Qorti sabiex tibgħat lill-Avukat Ġenerali kopja tad-deċiżjoni flimkien ma' l-attijiet tal-kawża u n-noti tax-xhieda;

- l-Avukat Ġenerali ressaq ir-Rikors tal-appell tiegħu minn tali deċiżjoni fit-2 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 279 *et seq.*).

Illi m'hemmx dubju li bejn it-12 ta' Settembru 2024 u t-2 ta' Ottubru 2024 għaddew ferm aktar minn sebat ijiem tax-xogħol. Apparti dawn is-sebat ijiem tax-xogħol, Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi wkoll, kif diġa' ngħad, li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti (ossia dik li sar appell minnha) kellha tiġi notifikata (flimkien mal-atti tal-kawża) lill-Avukat Ġenerali fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni.

Illi mix-xiehda ta' Stephania Calafato Testa (Assistent Reġistatur tal-Qrati u Tribunali Kriminali) u mix-xiehda mogħtija mid-Deputat Reġistratur Benjamina Mifsud (liema Deputat Reġistratur kienet responsabbli li tibgħat id-deċiżjoni appellata u l-atti tal-kawża lill-Avukat Ġenerali), hekk kif mogħtija minnhom quddiem din il-Qorti, jirriżulta s-segwenti:

- li fis-17 ta' Settembru 2024 intbagħat biss id-digriet ossia deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti lill-Avukat Ġenerali;

- li fit-23 ta' Settembru 2024 intbagħat *scan* tal-proċess hekk kif miżmum quddiem l-Ewwel Qorti mid-Deputat Reġistatur tal-Qorti msemmija lill-Avukat Ġenerali.

Illi għal kull buon fini jingħad li fix-xiehda tal-Prokuratur Legali Caroline Camilleri (mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali) hija qalet li l-atti ta' dan il-każ ġew riċevuti għand l-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Settembru 2024. Hija qalet, pero saħqet li ma kinitx ċerta, li fis-16 ta' Settembru 2024 l-uffiċju tal-Avukat Ġenerali rċeva biss id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Dwar dan din il-Qorti tinnota li din id-data tas-16 ta' Settembru 2024 ma hijiex waħda korretta peress li jirriżulta ben ċar li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ntbagħtet lill-Avukat Ġenerali dakinhar tas-17 ta' Settembru 2024 (Dok. "SCT 1" – *a fol.* 303).

Illi huwa ben ċar li l-jumejn tax-xogħol li ssir riferenza għalihom f'Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx osservati mid-Deputat Reġistratur tal-Ewwel Qorti u dana stante li filwaqt li d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti ntbagħtet lill-Avukat Ġenerali fit-tielet jum tax-xogħol wara li ngħatat id-deċiżjoni, l-atti tal-kawża ntbagħtu lill-appellant Avukat Ġenerali mill-istess Deputat Reġistatur fis-seba' jum tax-xogħol wara li ngħatat id-deċiżjoni.

Illi għal kull buon fini jingħad li n-Nota ppeżentata mis-Supretendent Jonathan Ransley fit-18 ta' Settembru 2024 hawn fuq imsemmija (*a fol.* 278) ma kienx rikjest li tiġi preżentata u dana

peress li dak li kellu jiġu osservat kienu t-termini ta' Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn it-terminu ta' jumejn tax-xogħol ma ġiex osservat mid-Deputat Reġistratur tal-Ewwel Qorti.

Illi b'hekk isegwi li huwa minnu li r-Reġistratur tal-Qorti ma bagħatx l-atti proċesswali lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien rikjest mil-liġi. Għandu dan in-nuqqas iwassal lil din il-Qorti tiddikjara r-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali bħala *fuori termine* kif qed jargumenta l-isfidant Victor Sant?

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem li t-termini rikjesti mil-liġi qegħdin hemm biex jiġu osservati skrupolożament pero' din il-Qorti ma tista' qatt tiddikjara r-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali bħala ppeżentat *fuori termine* kif jargumenta l-isfidant Victor Sant u dana minħabba li l-Avukat Ġenerali ma kellu l-ebda rwol fin-nuqqas tar-Reġistratur li josserva dak li tiddisponi l-liġi. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li l-appellant Avukat Ġenerali bl-ebda mod ma kien parteċipi fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u anqas jista' jingħad li huwa seta' kien konxju tad-deċiżjoni appellata. Dak li għadu kemm ingħad ingħad biss għall-grazzja tal-argument u dana peress li kienx parteċipi jew le l-Avukat Ġenerali quddiem l-Ewwel Qorti ma għandu l-ebda importanza u dana peress li, kif diġa' ngħad, dak li kellu jiġi osservat huwa dak li jiddisponi Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ossia t-termini hemm imsemmija.

Illi minkejja li l-konsulenti legali tal-isfidant Victor Sant jisħqu li t-termini msemmija f'Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma termini perentorji, filwaqt li din il-Qorti taqbel li dawn it-termini ma jistgħux jiġu mġebbda, pero' fl-istess waqt din il-Qorti tisħaq li kellha ssir in-notifika tad-deċiżjoni u tal-atti tal-kawża lill-Avukat Ġenerali fi żmien jumejn tax-xogħol mid-deċiżjoni appellata (liema terminu ma ġiex osservat) u li minn dakinhar tan-notifika l-Avukat Ġenerali seta' iressaq appell fi żmien sebat ijiem tax-xogħol (li jirriżulta li ġie osservat mill-Avukat Ġenerali).

Illi għan-nuqqas tar-Reġistratur tal-Qorti ma jistax u ma għandux jiġi penalizzat l-Avukat Ġenerali.

Illi b'hekk isegwi li l-eċċezzjoni tal-isfidant Victor Sant fejn jisħaq li r-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali ġie mressaq *fuori termine* qed tiġi miċħuda u b'hekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali</u>**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabet li hemm *prima facie* lok għal kwerela u minflok issib li ma hemmx *prima facie* lok għaliha. Għal kull buon fini jingħad li fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti ddikjarat is-segwenti (*a fol.* 276):

> *"li hemm prima facie lok għall-kwerela mertu ta' dan ll-każ fil-konfront ta' Dr. Alessandro Lia sabiex jitressaq bir-reat ta' kompliċita' fi frodi (Art. 309) kif ukoll bir-reat ta' dikjarazzjoni falza jew kompliċita' f'dikjarazzjoni falza ai termini tal-Artikoli 188 u 184 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li taħtu tressaq ir-Rikors Maħluf tal-25 ta' Marzu 2024 minn Victor Sant. Artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> "Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li

> jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:
>
> [...]."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fis-16 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs. Kummissarju tal-Pulizija** fejn din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "Issa l-proċedura hekk imsejħa *"tac-challenge"* kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali hi, f'ċertu sens, proċedura straordinarja. *"Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment waħda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-każijiet kollha ħlief f'dawk il-każijiet fejn hi meħtieġa l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tħalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-proċedura taċ-challenge – li ma tapplikax għal kontravvenzjonijiet jew għal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata – trid għalhekk tiġi applikata b'mod rigoruż għal dawk il-każijiet biss li trid il-liġi u fit-termini li trid il-liġi.*
>
> *L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jagħmilha ċara li huwa biss f'dawk il-każijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu konċess li jkun hemm l-intervent ġudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Eżekuttiva ma tkunx trid taġixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti speċifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jagħmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Maġistrat skont l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi,*

*wara li jkun ottempera ruħu mad-diversi rekwiżiti proċedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx għalfejn jiġi speċifikat bl-isem tekniku tiegħu; huwa biżżejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirriżulta ċar liema reat qed jiġi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tiegħu il-kwerelant jitlob li jittieħdu passi.*[1]"

Illi riferenza sejra ssir ukoll għal provvediment ieħor mogħti riċentement fis-26 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Carmelo Turu Spiteri vs. Commissioner of Police** (Sfida Numru 2/2023/3) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "That, as was stated in the judgment delivered by the Court of Magistrates on the 22nd. February 2016, in the names of **Anthony Camilleri v. Kummissarju tal-Pulizija** –
>
> > **"L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-*notitia criminis* magħmula lilha ... Il-livell ta' sodisfaċiment u suffiċjenza provdut mil-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ huwa li *prima facie* jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm *prima facie* lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni... Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja**

[1] "**Joseph Gaffarena vs. Kummissarju tal-Pulizija** – Qorti Kriminali – 03/11/2003."

> **konsegwenti n-*notitia criminis* fuq raġunijiet ġustifikati jew le. Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti jeħtieġ li almenu jiġu sindikati l-elementi fil-pussess tal-Pulizija li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u tara jekk sal-grad *prima facie* din id-deċiżjoni kienetx ġustifikata jew le."** **(emphasis by this Court)"**

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ċitati u tapplikahom għal każ li dwaru qed tingħata din id-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet oħra dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti li filwaqt li huwa jaqbel mal-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha flimkien mal-ġurisprudenza hemm kwotata strettament fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' Artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' konvinċiment u suffiċjenza probatorja sabiex jintlaħaq livell ta' *prima facie* li huwa wieħed aktar baxx minn dak li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni fi proċediment penali u li dan jistrieħ fuq livell bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli, madanakollu jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tatx piż suffiċjenti lill-uħud mill-provi li rriżultaw mill-investigazzjoni li wettqet il-Pulizija u li jinsabu kompilati fl-atti proċesswali u li kien b'konsegwenwza ta' hekk li huwa ressaq ir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jressaq aggravju li primarjament huwa maqsum f'żewġ ilmenti. Fl-ewwel ilment, l-appellant jirreferi għal kif allegatament ġraw il-fatti u jikkwota minn *e-mail* miktuba minn Dr. Alessandro Lia fit-23 ta' Ottubru 2022 fit-20.35 fejn permezz ta' din l-*e-mail* Dr. Lia nforma lis-soċjeta' tal-assigurazzjoni Elmo Insurance li kien qed jikteb dik l-*e-mail* f'isem

il-kunjatu tiegħu l-isfidant Victor Sant u fejn informa lis-soċjeta' imsemmija li Victor Sant ma kienx ser iġedded il-polza tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBD 387 peress li ma kienx ser jużaha aktar u peress li kienet diġa' mneħħija favur terzi. L-appellant jisħaq li f'din l-*e-mail* kien hemm ikkuppjat l-istess sfidant. L-appellant Avukat Ġenerali jagħmel riferenza wkoll għal *e-mail* mibgħuta minn Natasha Cachia in rappreżentanza ta' Elmo Insurance Ltd. fejn irrispondiet l-*e-mail* li kien bagħat Dr. Alessandro Lia fejn infurmatu li kienu rċevew in-notifika tiegħu u fejn għamlu nota li ma kinitx ser tiġi mġedda. Jingħad li din l-*e-mail* ġiet *forwarded* lill-isfidant Victor Sant fejn l-istess Sant bagħat risposta lura lil Dr. Alessandro Lia fejn irringrazzjah. L-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-isfidant Victor Sant kien jaf li l-vettura in kwistjoni kienet ġiet trasferita lil terzi u mhux skreppjata.

Illi t-<u>tieni ilment</u> jirrigwarda l-imputazzjoni marbuta mal-falsifikazzjoni tal-firma ta' Victor Sant sabiex jkun jista' jsir t-trasferiment tal-vettura. L-appellant Avukat Ġenerali jirreferi għax-xiehda tal-Uffiċjal Investigattiv Jonathan Ransley fejn jgħid li rriżultalu li l-firma ma kinitx saret minn Victor Sant iżda kienet ġiet allegatament falsifikata minn Andrew Cremona tant li l-Uffiċjal Investigattiv informa lill-Ewwel Qorti li Andrew Cremona ġie mixli bir-reat ta' falsifikazzjoni tal-firma ta' Victor Sant, liema proċeduri saħaq kienu għadhom *sub judice*. L-appellant Avukat Ġenerali jgħid li meta Andrew Cremona ġie nterrogat huwa għamilha ċara illi Dr. Alessandro Lia ma kienx jaf u li ma kellu x'jaqsam xejn fil-bejgħ ta' vetturi lil terzi. L-appellant jagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar dan il-punt fejn qalet li r-reat ta' falsifikazzjoni jista' jiġi stabbilit biss f'kawża kriminali fejn jitqabbad espert u jeżamina l-firma fid-dokument li huwa wieħed mogħti lill-awtorita' pubblika biex jistabbilixxi jekk dik il-firma tikkombaċjax ma' dak tal-imputat. Jispjega li l-Ewwel Qorti ma daħlitx fuq jekk hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex Dr. Alessandro Lia jiġi mixli b'din l-imputazzjoni. Jirreferi għal fatt li mill-investigazzjoni mwettqa mill-Pulizija rriżulta li Dr. Lia kien ħa l-vettura u għadda l-*logbook* u ċ-ċwievet lil Andrew Cremona, liema fatt, skont l-appellant, Victor Sant kien

qabel miegħu. Jisħaq li mill-atti proċesswali jirriżulta li Dr. Alessandro Lia kien għadda kopja fotostatika tal-Karta tal-Identita' tal-isfidant lil Cremona mingħajr il-kunsens tal-istess sfidant iżda jirriżulta li dan kien ikun xorta neċessarju kieku l-vettura ġiet skreppjata jew trasferita.

**Ikkunsidrat**

**<u>Konsiderazzjonijiet oħra dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali</u>**

Illi kif qalet l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata l-isfidant Victor Sant talab lill-imsemmija Qorti sabiex tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jieħu proċeduri kriminali fil-konfront ta' Dr. Alessandro Lia fuq id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirrigwardaw ir-reat ta' frodi u r-reat ta' falsifikazzjoni.

Illi mix-xhieda mismugħa quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li ngħad li Dr. Alessandro Lia qal li kien ħa il-vettura in kwistjoni sabiex tiġi skrepjata. Għandu jingħad li *prima facie* irid jirriżulta jekk hemmx evidenza li turi li kien hemm xi arrikkiment minn naħa tiegħu. Għalkemm jidher li Dr. Alessandro Lia jingħad li ġab mitt Euro (€100) tal-ħadid, dan l-ammont jidher li qatt ma għadda għand l-isfidant. Jingħad ukoll li dan l-ammont għadda lill-ħabib tiegħu ossia Andrew Cremona. Tali verżjoni jirriżulta li ma setgħetx tkun minnha minħabba li l-vettura in kwistjoni ma kinitx ġiet skrepjata.

Illi għalkemm kif innutat l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata ma jidhirx li hemm prova ta' gwadann minn naħa ta' Dr. Alessandro Lia jibqa' dejjem il-fatt li mill-atti proċesswali jingħad li huwa għen sabiex iseħħ it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni billi allegatament għadda kopja tal-Karta tal-Identita' tal-isfidant Victor Sant u għalhekk *prima facie* jidher li huwa seta' kellu rwol ta' kompliċi.

Illi rigward l-*e-mail* mibgħuta lis-soċjeta' tal-assigurazzjoni Elmo Insurance din tidher li ġġib id-data tat-23 ta' Ottubru 2022 (Dok.

"JR 13" – *a fol.* 255). Fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jagħmel riferenza għal *e-mails* skambjati bejn Dr. Alessandro Lia u s-soċjeta' tal-assigurazzjoni fejn f'*e-mail* mibgħuta minn Natasha Cachia in rappreżentanza ta' Elmo Insurance Ltd. hija rrispondiet l-*e-mail* li kien bagħat Dr. Alessandro Lia fejn infurmatu li kienu rċevew in-notifika tiegħu u fejn għamlu nota li ma kinitx ser tiġi mġedda (*a fol.* 240), liema *e-mail* ġiet *forwarded* lill-isfidant Victor Sant fejn l-istess Sant bagħat risposta lura lil Dr. Alessandro Lia fejn irringrazzjah. Minkejja dan, tenut kont ta' dak mismugħ quddiem l-Ewwel Qorti, b'mod partikolari tax-xiehda mogħtija mill-isfidant Victor Sant, mhux ta' fejda l-argument tal-appellant Avukat Ġenerali meta jisħaq li permezz ta' l-*e-mails* skambjati, l-isfidant Sant kien mgħarraf bil-bejgħ tal-vettura.

Illi rigward il-falsifikazzjoni tal-firma jirriżulta mix-xiehda tal-isfidant Victor Sant li huwa ma ffirmax għat-trasferiment tal-vettura. Jingħad li l-vettura in kwistjoni ttieħdet minn Dr. Alessandro Lia fil-proprjeta' ta' Andrew Cremona (Dok. "JR 8" – *a fol.* 233). Jidher mill-atti proċesswali li l-vettura ġiet trasferita lil Rebecca Gera fl-24 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 31). Jidher ukoll li l-Karta tal-Identita' tal-isfidant Victor Sant ġiet mgħoddija lil Andrew Cremona mill-istess Dr. Alessandro Lia.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq għandu jingħad ukoll li mix-xiehda tas-Supretendent Jonathan Ransley mogħtija fit-30 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 186 *et seq.*) jirriżulta li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jeskludi l-involviment ta' Dr. Alessandro Lia (*a fol.* 215) b'dana illi lanqas sar eżami kalligrafiku sabiex jiġi eskluż tali involviment. Din il-Qorti tinnota wkoll li fit-23 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 237) Dr. Alessandro Lia kiteb lis-soċjeta' ta' assigurazzjoni li l-vettura kienet ġiet trasferita *"favur terzi"* meta tali trasferiment jirriżulta li sar l-għada (*a fol.* 31).

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li dan ir-reat ta' falsifikazzjoni seta' biss jiġi stabbilit fi proċess kriminali fejn jitqabbad espert li jeżamina l-firma fid-dokument in kwistjoni. Dak li din il-Qorti

tista' tikkwalifika mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti huwa li mhux li r-reat seta' jiġi stabbilit iżda li l-involviment ta' Dr. Alessandro Lia fir-reat seta' jiġi biss eskluż fi proċess kriminali ġialadarba l-Pulizija ma għamlux l-eżamijiet neċessarji fl-investigazzjoni tagħhom. Li hu żgur hu li mill-provi mressqa l-Ewwel Qorti kienet korretta meta waslet għad-deċiżjoni finali tagħha dwar dak mitlub mill-isfidant Victor Sant fir-Rikors Maħluf tiegħu li bih inbdew dawn il-proċeduri.

Illi għaldaqstant u meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, l-argumenti kollha mressqa fl-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu qed jiġu kollha mwarrba u b'hekk l-aggravju qed jiġi miċħud u dana peress li din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha titbiegħed mir-raġunament milħuq mill-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini jingħad li din id-deċiżjoni tallum qed tingħata biss fuq livell *prima facie* u dana minn dak li jirriżulta fl-atti proċesswali ta' dan il-każ u fid-dawl tal-ġurisprudenza aktar 'il fuq ċitata u bl-ebda mod ma din il-Qorti qed timplika xi ħtija fuq Dr. Alessandro Lia fir-rigward tal-imputazzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-isfidant Victor Sant fejn saħaq li l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali ġie mressaq *fuori termine;*

- tiċħad ukoll l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata.

Finalment, din il-Qorti tordna li kemm din id-deċiżjoni u kif ukoll dik appellata jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija b'mod immedjat għal azzjoni neċessarja da parte tiegħu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**